*REVOKA TA' MANDAT TA' QBID*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 27**
**Citazzjoni Numru: 168/94/RCP**

**Bernardette u Anthony konjugi Grech.**

**vs**

**Joseph Cauchi u Anthony Borg u b'digriet tal-21 ta' April, 1999 gew nominati l-Avukat Dottor Victor Scerri u l-Prokuratrici Legali Nicholette Aquilina bhala kuraturi deputati biex komplu l-kawza minflok il-konvenut Anthony Borg, li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Cauchi, Saviour Dimech u Nicholas Galea fil-kwalita' taghhow ta' President, Segretarju u Kaxxier, tal-kazin tal-banda Nicolo Isouard tal-Mosta u in rappresentanza ta' l-istess vs Anthony Borg (Citazzjoni numru 700/83), l-atturi fl-istess kawza gew kanonizzati krædituri tal-konvenut Anthony Borg fis-somma ta' erba' mija u hames mitt lira Maltin u tnejn u tletin centezmu u erba' millezmi (LM405.32,4), oltre l-imghaxijiet legali u l-ispejjez gudizzjari tal-istess kawza.

Illi, in ezekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija, il-konvenut Joseph Cauchi ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid ezekuttiv numru 17/93 fl-ismijiet "Joseph Cauchi vs Anthony Borg", liema Mandat gie ezegwit fil-fond u fuq oggetti proprjeta' tal-atturi.

Illi ghalhekk, bis-sahha tal-imsemmi Mandat ezekuttiv gew elevati diversi oggetti illi jappartjenu esklussivament lill-atturi;

Illi ghar-ragunijiet spjegati, l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid fuq imsemmi huwa irritu u null stante illi l-istess Mandat gie ezegwit fuq oggetti ta' proprjeta` esklussiva tal-atturi.

Ghaldaqstant l-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ‘il ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi, u previa kwalisiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna:

1) tiddikjara illi l-oggetti maqbuda bis-sahha tal-mandat ta' Qbid numru 17/93 jappartjenu esklussivament lill-atturi;

2) tirrevoka u tannulla l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid numru 17/93 fl-ismijiet 'Joseph Cauchi vs Anthony Borg', stante illi l-istess Mandat gie ezegwit fuq proprjeta' esklussiva tal-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 6 sa 15 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Cauchi a fol.19 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa gie mharrek f’ismu personali meta dan huwa kreditu dovut mill-kazin tal-Banda Nicola Isuard tal-Mosta u ma giex mharrek f’dik il-vesti.

2. Illi fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghandu jigi kjamat in kawza r-Registratur tal-Qorti li huwa responsabbli mill-ezekuzzjoni tal-Mandat ta’ Qbid.

3. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut a fol.20 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta’April,1994; tal-15 ta’Gunju,1994; tal-25 ta’ Novembru,1994; tas-26 ta’ April,1995 fejn xehdet l-attrici; tat-22 ta’ Novembru,1995; tat-3 ta’ Mejju,1996; tat-28 ta’ Gunju,1996; tal-4 ta’ Dicembru,1996; tal-24 ta’ Frar,1997; tat-28 ta’ Mejju,1997; tas-7 ta’ Novembru,1997; tal-21 ta’ Jannar,1998; tal-4 ta’ Mejju,1998; tad-9 ta’ Novembru,1998; tal-21 ta’ April,1999; Tal-1 ta’ Novembru,1999; tas-7 ta’ Jannar,2000; tad-19 ta’ Mejju,2000; tal-5 ta’ Ottubru,2000 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr, Kenneth Gulia biex jisma’ l-provi dwar il-kaz u ffissat tlett seduti ghall-provi tal-partijiet.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-7 ta’ Novembru,2000;tat-22 ta’ Novembru,2000; tal-11 ta’ Dicembru,2000; u tal-14 ta’ Frar,2001.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Jannar,2001; tat-8 ta’ Marzu,2001; u tal-1 ta’ Gunju 2001 fejn wara li rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-14 ta’ Frar, 2001 ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa. Dr Scerri

ddikjara li kiteb lill-ulied il-mejjet Anthony Borg izda baqa' bla risposti.Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Ottubru,2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li l-oggetti maqbuda b'mandat ta' qbid mahrug in forza tas-sentenza tad-29 ta' Jannar 1993 fl-ismijiet "Joseph Cauchi et noe vs Anthony Borg" fejn l-atturi gew kanonizzati kredituri tal-konvenut Borg jappartjenu esklussivament lilhom. Inoltre' qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirrevoka u tannulla l-esekuzzjoni tal-istess mandat, stante li l-mandat gie ezegwit fuq proprjeta' taghhom.

Fix-xhieda taghha **l-attrici** kkonfermat id-dikjarazzjoni guramentata.Hija qalet li meta l-mandat ta'qbid gie ezegwit il-konvenut Borg, li jigi missierha, kien residenti fil-fond proprjeta' taghha akkwistat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr.John Cachia Zammit (Dok.FGC1 a fol.28 tal-process). Hija xehdet li l-oggetti kollha illi kien hemm f'dan il-fond u li gew maqbuda bil-mandat in kwistjoni huma lkoll proprjeta' taghha.

Hija kompliet li missierha mar joqghod fil-fond in kwistjoni ftit wara li hija kienet xtratu. Hi spjegat illi l-oggetti li gew elevati bil-mandat kienet xtrathom minghand missierha xi sitt xhur qabel ma' kienet xtrat il-fond in kwistjoni; u kienet poggiethom fil-fond taghha x-Xemxija. Meta missierha mar joqghod fil-fond fejn gie ezegwit il-mandat hija ittraslokat l-oggetti biex juzahom il-konvenut Borg. L-attrici u missierha stmaw dawn l-oggetti fl-ammont ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500). Huma kienu ftehmu li hu jidhol igawdi l-fond u minflok li jhallasha tal-kera s-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) dawn kellhom jinqatghu mis-somma ta' Lm500, u wara li jkun hallas jibda jhallas il-kera stabbilita.

Fuq mistoqsija tal-Qorti, hi rrispondiet li meta missierha bieghlha l-oggetti in kwistjoni kienet saret skrittura. Meta sussegwentement xehdet quddiem l-Assistent Gudizzjarju u qalet li tali skrittura ma tezistix u sostniet li xehdet hekk peress li kienet eccitata hi u tixhed; u, inoltre' ma kienitx taf xi tfisser skrittura privata.

Xehed ukoll **Salvu Borg,** hu l-attrici, li qal li l-fond "St. Mary", New Street in College Street, Mosta huwa proprjeta' ta' ohtu; u, li dawn l-ahhar snin il-genituri taghhom kienu jghixu hemmhekk. Id-dar dejjem kienet taghha. Huwa xehed li meta l-genituri tieghu bieghu d-dar taghhom marru joqghodu fil-post t'ohtu u tawha l-ghamara taghhom li tpoggiet fid-dar "St.Mary", New Street in College Street, Mosta.

Inoltre’ xehed **Charles Borg,** hu l-attrici, li kkonferma u kkorrobora max-xhieda li nghatat precedentement minn hutu partikolarment ma’ dak li qal Salvu Borg.

Ix-xhud **Joseph Cauchi,** president tas-socjeta’ Nicholas Isouard tal-Mosta, spjega li s-socjeta’ kienet ghamlet kawza kontra Anthony Borg li kienet giet deciza, marret fl-appell u kienet intrebhet minnha bl-ispejjez b’kollox. Sar mandat ta’ qbid ezekuttiv, liema mandat gie ezegwit fid-dar fejn kien joqghod Anthony Borg “St.Mary”, Dr.Chetcuti Street, Mosta.Huwa qal li ma kienx hemm elevazzjoni, imma kien hemm biss deskrizzjoni. Sal-llum is-socjeta’ ghadha ma thallsietx.

Illi mill-provi prodotti rrizulta, fl-ewwel lok, li kuntrarjament ghal dak li sostna ix-xhud Joseph Cauchi, il-mandat gie esegwit fil-fond “St.Mary”, New Street in College Street, Mosta. Dan jirrizulta mir-riferta ta’ rikonjizzjoni ezebita a fol. 10 u 11 tal-process.Irrizulta wkoll li l-fond li fih gie ezegwit il-mandat jappartjeni lil Bernardette Grech u dan in forza tal-kuntratt datat 17 ta’ Dicembru 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor John Cachia Zammit.

Illi mix-xhieda prodotti rrizulta,bla ebda dubju, li l-oggetti li fuqhom gie ezegwit il-mandat huma ta’ proprjeta’ esklussiva tal-attrici u kwindi huma *res aliena*. Inoltre’ l-konvenuti ma gabu l-ebda prova valida sabiex jikkontradixxu l-provi u x-xhieda migjuba mill-atturi. Jinghad ukoll li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni mressqa

mill-konvenut Joseph Cauchi cioe' li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa gie mharrek f'ismu personali meta dan huwa kreditu tal-Banda Nikola Isouard u mhux f'dik il-vesti, illi l-mandat ta' qbid mertu tal-kawza odjerna, inhareg f'isem Joseph Cauchi biss (fol.14 tal-process). Kwindi tali mandat inhareg fil-vesti personali tieghu.

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu huwa talab li jigi kjamat fil-kawza r-Registratur tal-Qorti li huwa responsabbli mill-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid. Illi tali kwistjoni ma jirrizultax li tqajmet quddiem il-Qorti, u din il-Qorti ma hassietx il-bzonn li tikkjama lir-Registratur tal-Qorti. In fatti, jirrizulta mill-mandat ta' qbid ezekuttiv (a fol.15 tal-process) li r-rikorrenti – cioe' Joseph Cauchi - nizzel bhala l-indirizz tad-debitur "St.Mary",New Street in College Street,Mosta u l-ufficcjal tal-Qorti mar proprju hemm.Huwa ma kellux joqghod jivverifika pero' biss li jmur fil-post indikat lilu; kif fil-fatt ghamel.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Cauchi, u fil-kontumacja tal-kuratur deputat nomine, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1.Tiddikjara illi l-oggetti maqbuda bis-sahha tal-Mandat ta' Qbid numru 17/93 jappartjenu esklussivament lill-atturi;

2.Tirrevoka u tannulla l-ezekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid numru 17/93 fl-ismijiet "Joseph Cauchi vs Anthony Borg", stante illi l-istess mandat gie ezegwit fuq proprjeta` esklussiva tal-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**17 ta' Ottubru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**17 ta' Ottubru,2001.**